**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Jannar 2023**

**Rikors nru: 258/2021 AGV**

**BP**
**Vs**
**MFP**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors ta' BP datat 27 ta' Ottubru 2021 fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma;**

1. Ili l-kontendenti partijiet kienu żżewwġu nhar is-26 ta' Diċembru tas-sena 2003 ġewwa l-Paroċċa ta' San Publiju fil-Floriana, u dan skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A';

2. Illi mill-imsemmi żwieġ il-partijiet flimkien, kellhom żewġ ulied u ċioe' AP li twieled fil-21 ta' Settembru tas-sena 2002, ċioe' maġġoreni u EP li twieled fit-23 ta' Lulju tas-sena 2005 u ċioe' minorenni. Iċ-ċertifikati tat-twelid qiegħdin jiġu hawn anness u mmarkat bħala Dok 'B' u Dok 'Ċ' rispettivament;

3. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal żmien twil u nel frattemp, l-intimata kellha 4 t'itfal oħra, kollha minn relazzjonijiet li l-istess intimata kellha extra-matrimonjali. Għal kull bon fini, iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati kolletivament Dok 'D';

4. Illi fl-atti tat-twelid tal-minuri odjerni, il-Missier ta' dawn l-ulied huwa l-attur BP liema fatt mhux korrett, *di fatti* ser jinfetħu proċeduri appożiti sabiex l-istess attur ma jibqax jiġi ndikat bħala l-missier fuq l-atti tat-twelid ta' dawn l-4 ulied;

5. Illi permezz ta' kuntratt soċjali ffirmat fl-24 ta' Settembru tas-sena 2015, bejn il-kontendenti partijiet u l-Aġenzija Appoġġ, il-minuri ulied il-partijiet, inkluż dawk li l-intimata kellha minn relazzjonijiet extra-matrimonjali, marru jirrisjedu man-nanniet materni u ċioe' TF, detentur tal-karta tal-identita` numru 194555M u DF, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 460358M, liema kuntratt soċjali qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'E';

6. Illi matul il-perjodu tal-medjazzjoni, l-intimata naqset milli tattendi għas-seduti u permezz tad-digriet datat 7 ta' Settembru tas-sena 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Onorevoli Imħallef Jacqueline Padovani Grima LL.D għalqet il-proċess tal-medjazzjoni u awtorizzat lill-

attur sabiex jipproċedi bil-kawża fit-termini mposti mill-liġi, liema digriet qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'F';

7. Illi l-intimata irrendiet ruħha ħatja fil-konfront ta' żewġha ta' adulterju kostanti pprolongat, ripetut u abbandun b'riżultat li l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom m'għadhiex aktar possibli tant illi ż-żwieġ tkisser irremidjabilment u tort ta' dan kollu hija unikament tal-mara intimata;

8. Illi *di piu'* ma dan, il-ħajja matrimonjali bejn il-kontendenti partijiet ġiet reża impossibbli minħabba l-inkompatibilita' ta' karattru;

**Tgħid** għalhekk l-intimata, għar-raġunijiet premessi u prevja minn kull dikjarazzjoni neċessarji u opportuni għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. **Tiddikjara u tippronunċja** s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet għar-raġunijiet premessi unimkament imputabbli lill-intimata u tawtorizza lill-attur rikorrenti sabiex jgħix separatament mill-intimata;

2. **Tordna** li fl-aħjar interess tal-minuri, il-kura u l-kustodja tal-minuri EP tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attur missierhom, iżda r-residenza tal-minuri għandha tibqa' man-nanniet materni b'aċċess versu l-kontendenti partijiet, liema aċċess jiġi eżerċitat skont il-modalitajiet mixtieq mill-istess minuri u dan tenut kont tal-eta` tiegħu;

3. **Tikkomina** kontra l-intimata il-provvedimenti tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. **Prevja** li tillikwida l-krediti li l-attur għandhu kontra l-komunjoni tal-akkwisti, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

5. **Tillikwida** u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet mhux neċessarjament ugwali, b'dana illi jiġu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fit-tielet talba, occorendo bin-nomina ta' periti nominandi;

6. **Tikkundana** lill-intimata tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta` kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha, jekk jirriżulta li hemm;

7. **Tinnomina** Nutar Pubbliku jekk ikun il-każ biex jirċievi l-atti ta' diviżjoni relattiv u kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

8. **Tawtorizza** lill-attur sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza mgħotija minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.**

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ma ppresentat ebda risposta u ma dehret qatt f'dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti kienet iddikjaratha kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu zzewgu fis-26 ta' Dicembru 2003, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal, AP fil-21 ta' Settembru 2002, u li ghalhekk illum hija maggorenni, u EP li twieled fit-23 ta' Lulju 2005. Il-partijiet kienu ilhom zmien twil jghixu separatament minn xulxin. L-attur jghid ukoll li l-konvenuta kellha erbat itfal ohra minn terzi, izda dawn tnizzlu fuq ismu mar-Registru Pubbliku. Inoltre d-dar matrimonjali ghandha dejn fuqha peress illi baqa' ma thallasx lura lill-bank is-self li ttiehed fuqha, u din ser tinbiegh mill-Qorti b'subbasta. Ghalhekk l-attur qed jitlob is-separazzjoni minn ma' martu l-konvenuta, a bazi ta' adulterju fiz-zwieg, u ta' abbandun.

Peress illi l-konvenuta baqghet kontumaci, qatt ma dehret f'dawn il-proceduri, il-Qorti ghandha l-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attur, li ghalhekk huma provi tal-fatti tal-kaz. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li mat-twelid tat-tieni wild, bdew il-problemi bejniethom. Il-konvenuta kienet tiffrekwenta rgiel ohra, u fl-2009 twieled wild iehor minn missier differenti. B'kollox il-konvenuta kellha erbat itfal ohra minn terzi, u l-attur telaqha fl-2014. Sa dak iz-zmien kien jaghmel ix-xoghol tad-dar hu, anke lit-tfal li ma kienux tieghu.

Fl-2015 kien gie iffrmat kuntratt socjali mal-Appogg biex it-tfal kollha jirresjedu man-nanniet materni, mal-genituri tal-konvenuta. Din is-sitwazzjoni ghadha hekk sa llum.

Il-partijiet kellhom zewg medjazzjonijiet bejniethom, li l-ebda wahda ma wasslet ghal ftehim. Dan wassal biex l-attur mexxa b'dawn il-proceduri. Ghalhekk, il-Qorti sejra tqis it-talbiet tal-attur u tiddeciedi fuq kull wahda.

L-attur wera, fuq bazi ta’ probabilita’, li l-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma’ terzi waqt iz-zwieg. Il-Qorti hija sajma minn dettalji f’dan ir-rigward, u jekk inhu vera li l-attur kien jaf b’dawn ir-relazzjonijiet u baqa’ jghix mal-konvenuta ut-tfal li kellha, kemm minnu kif ukoll minn nies ohra, hija inspjegabbli li fittex is-separazzjoni biss wara dawn is-snin kollha. Madankollu, huwa ppruvat li l-konvenuta kellha relazzjonijiet adulteri, u jirrisulta fatt ippruvat ukoll li abbandunat iz-zwieg fil-konfront tal-attur. Ghalhekk, l-ewwel talba ser tigi milqugha ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta. Peress illi l-adulterju jgib mieghu l-effetti tad-dekadenza ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap 16, it-tielet talba wkoll ser tigi milqugha.

Il-kura w kustodja tat-tfal, kif gia’ accennat aktar ‘il fuq, hija moghtija f’idejn in-nanniet materni, permezz ta’ kuntratt socjali. Il-Qorti ma tistax tvarja t-termini ta’ dak il-kuntratt. Trid issir procedura apposita biex l-attur jkun jista’ jinghata l-kura w kustodja ta’ uliedu. Din it-talba, ghalhekk, qed tigi, respinta.

Il-komunjoni tal-akkwisti tikkomprendi fiha d-dar matrimonjali, kontijiet bankarji u vetturi. Ma gie indikat xejn aktar mill-provi prodotti. Lanqas ma rrisulta xi kreditu favur l-attur kontra l-istess komunjoni. Id-dar matrimonjali hija maqbuda mill-bank, peress illi hemm dejn fuqha li baqa’ ma thallasx mill-partijiet. Ghalhekk, il-Qorti mhix ser tassenja d-dar lil parti jew ohra, izda ser thalli l-procedura tas-subbasta tiehu l-kors taghha biex id-dar tinbiegh. Il-kumplament tal-proprjeta mobbli ghandha tinqasam billi kull parti zzomm dak li ghandha fil-pussess taghha. Dan jghodd kemm ghall-vetturi kif ukoll ghall-kontijiet bankarji.

Fl-ahhar lok, il-Qorti m'ghandha ebda prova dwar proprjeta' parafernali tal-attur li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta. Ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunċja** s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet għar-raġunijiet premessi unimkament imputabbli lill-konvenuta, u tawtorizza lill-attur rikorrenti sabiex jgħix separatament mill-istess konvenuta;

2. **Tichad it-tieni talba.**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tikkomina** kontra l-konvenuta l-provvedimenti tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. **Tilqa' r-raba' talba limitatament** u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

5. **Tilqa' l-hames talba u tillikwida** u taqsam il-komunjoni kif deskritt fis-sentenza.

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba,** stante illi ma giet prodotta ebda prova f'dan ir-rigward;

7. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba,** stante li ma hemmx il-htiega ta' nomina ta' Nutar Pubbliku.

8. **Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza** lill-attur sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza mgħotija minn dina l-Qorti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

IMHALLEF
ONOR. ANTHONY G VELLA